

Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Is-Sinjura Herrero Romeu għandha tbat i-ispejjeż.*

2) *Is-Sur Salazar Brier għandu jbat i-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 60, 11.3.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Tomás Salazar Brier vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-9/06 P) (¹)

(Appell — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni — Kundizzjoni prevista fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Kunċett ta' "xogħol li sar għal-Stat ieħor")

(2008/C 22/10)

Lingwa tal-proċedura: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Tomás Salazar Brier [rappreżentanti: R. García-Gallardo Gil-Fournier, D. Domínguez Pérez u A. Sayagués Torres, abogados]

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: J. Currall, aġent, J. Gutiérrez Gisbert, J. Rivas Andrés u M. Canal, abogados]

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Ottubru 2005, Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (T-83/03), li tiċħad rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li, impliċitament, tiċħad it-talba tar-rikorrent ta' l-24 ta' Frar 2003 u, espressament, tiċħad it-talba tiegħu ta' l-24 ta' Marzu 2003, li tirrifjutala l-benefiċċju ta' l-allowance ta' l-espatrijazzjoni previst fl-Artikolu 4 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll ta' l-allowances marbuta miegħu

Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud.*

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Rafael de Bustamante Tello vs Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

(Kawża C-10/06 P) (¹)

(Appell — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni — Kundizzjoni prevista fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti — Kunċett ta' "xogħol li sar għal-Stat ieħor")

(2008/C 22/11)

Lingwa tal-proċedura: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Rafael de Bustamante Tello (rappreżentanti: R. García-Gallardo, D. Domínguez Pérez u A. Sayagués Torres, abogados)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Sims u D. Canga Fano, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Ottubru 2005, De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (T-368/03), li tiċħad rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2003 li tiċħad l-għoti tal-benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni previst fl-Artikolu 4(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll tal-benefiċċji marbuta miegħu

Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud*

2) *Is-Sur Bastamante Tello għandu jbat i-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 60, 11.3.2006.